TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/302/12/S

Veronica u Alexander Pulo
Vs
SMSMondial Limited

Illum 11 t'April, 2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Veronica u Alexander konjugi Pulo pprezentata fid-29 ta'Novembru, 2012 u r-risposta tas-socjeta SMSMondial Limited datata 18 ta'Dicembru, 2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-22 ta'Frar, 2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar kamra f'lukanda f'Londra li kien fiha riha qawwija ta' sigaretti;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar, 1999);

Illi jidher li r-rapprezentant tas-socjeta intimata u cioe t-'tourleader' ghamel minn kollox biex tinbidel il-kamra tar-rikorrenti pero dan seta' jsehh wara l-ewwel lejl ghax il-lukanda kienet mimlija;

Illi t-Tribunal jifhem li dan kien ta' inkonvenjent ghar-rikorrenti pero f'kaz hekk, wiehed jistenna li jiccaqlaq mill-kamra meta jkun moghti l-opportunita jaghmel hekk;

Illi min-naha l-ohra t-talba tar-rikorrenti hi esagerata meta wiehed jikkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz u partikolarment li dan kien limitat ghal lejl wiehed biss;

Illi dipiu r-rikorrenti ghazlu li ma jibdlux il-kamra wara l-ewwel lejl minhabba li riedu jippakkjaw u jmorru f'kamra ohra;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Veronica u Alexander konjugi Pulo u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta SMSMondial Limited, Jordna lis-socjeta SMSMondial Limited thallas lil Veronica u Alexander konjugi Pulo is-somma ta' €100 stabbilita *ex aequo et bono* minn dan it-Tribunal, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru